MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Numru 4/2003

Att t'Akkuza nru. 4/2003

Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Brian Vella

## DIGRIET

**Il-Qorti,**

**Rat il-verbal taghha registrat fl-ahhar tas-seduta ta' dalghodu, 10 ta' Jannar, 2006, li bih il-Qorti :-**

***"Fl-assenza tal-gurati, gibdet l-attenzjoni tal-prosekuzzjoni w tad-difiza ghal dik il-parti tax-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo fejn semma li***

***kien baghat ghalih l-akkuzat wara li kienet bdiet il-kawza u li dak iz-zmien kien il-habs, biex ikellmu.***

***"Il-Qorti dak il-hin stess intervjeniet billi qalet lix-xhud "Kien il-habs fuq din il-kawza hux hekk?" b'mod emfatiku w bil-ghan u biex tipprova tevita li f'mohh il-gurati jimbed il-hsieb li l-akkuzat kellu xi kawzi jew kundanni ohra. Pero' r-risposta tax-xhud kienet fis-sens li oltre din il-kawza kellu xi kawzi ohra.***

***"Il-Qorti regghet emfasizat biex tipprova ssalva dawn il-proceduri li kien il-habs in konnessjoni ma' din il-kawza.***

***"Illi in vista ta' dawn il-fatti jidher li jista' jkun il-kaz li l-guri jigi xolt minhabba li b'din ix-xhieda setghet inghatat l-impressjoni lill-gurati li l-akkuzat barra din il-kawza kellu kawzi jew kundanni kriminali.***

*"Ghalhekk qed taghti zmien lill-partijiet sas-2.30 p.m. biex, wara li d-difiza tikkonsulta mall-akkuzat, u l-prosekuzzjoni tikkonsidra l-posizzjoni taghha, jiddikjaraw jaqblux li minkejja li dak li sar u in vista tal-intervent tempesttiv tal-Qorti fuq imsemmi, l-guri ghandux ikompli jew le w li, jekk ghandu jkompli, jiddikjaraw minn issa stess li dan l-incident m'ghandux iservi bhala bazi ta' appell jekk ikun il-kaz".*

**Qieset illi meta l-Qorti regghet iltaqghet fl-assenza tal-gurati fis-2.30 p.m. il-bank tad-difiza, interpellat biex jaghti t-twegiba tieghu ghal kwezit li ghamlet il-Qorti fil-verbal fuq riprodott, wiegeb illi d-difiza kienet taqbel pjenament ma' dak li gie verbalizzat mill-Qorti w, wara li vverifikat ukoll mat-"tape recordings", x'kien intqal ezatt mix-xhud Kummissarju John Rizzo w wara li kkonsultat mall-akkuzat fil-hin tal-"break", rat li ma kienx hemm triq ohra hlief li l-Qorti xxolji l-guri w ghalhekk kienet qed taghmel talba f'dan is-sens.**

**Qieset is-sottomissjoni tal-prosekutur Dr. Mark Said li peress li bl-intervent tempesttiv tal-Qorti kien gie**

**mminimizzat l-import tal-incident, ma kienx ihoss li kienu jezistu l-estremi biex il-guri jerga jigi xolt ghat-tieni darba.**

**Ikkonsidrat**

**Illi kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza jaqblu fuq kif svolgew ruhom il-fatti li taw lok ghall-incident rilevat mill-Qorti fil-kors tax-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo w li dawn jinsabu riassunti fil-verbal fuq riprodott.  Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti telabora aktar dwar il-fatti.**

**Illi kif issottometiet id-difiza bil-kummenti li saru setghet facilment inghatat lill-gurati l-impressjoni illi l-akkuzat kien qieghed il-habs mhux ghax kien "awaiting trial" fuq il-kaz odjern imma ghaliex jew kien detenut fuq xi akkuzi ohra kriminali jew, addirittura, ghax kien qed jiskonta xi kundanna ta' habs fuq xi akkuza jew akkuzi ohra.**

**Illi dan jammonta ghal referenza diretta jew indiretta ghall-kondotta precedenti tal-akkuzat u, kif inhu risaput, il-kondotta tal-akkuzat m'ghandix tingieb a konjizzjoni tal-gurati hlief fil-kazijiet espressament permessi mill-ligi w, sa dan l-istadju, l-kaz odjern ma kienx jinkwadra f'xi wahda mill-eccezzjonijiet permessi mill-ligi.**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (per V. Degaetano J.) fil-kawza "r-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel Zammit" [3.5.2001] din il-Qorti hija tal-fehma li b'dak li qal il-Kummissarju tal-Pulizija l-akkuzat jista' jsofri pregudizzju bi ksur tal-ligi,  pregudizzju li l-Qorti ma tarax li jista' jigi evitat hlief billi tilqa' t-talba tad-difiza.**

**Illi fid-digriet taghha fil-kawza r-Repubblika ta' Malta Vs. Domenic Briffa tat-28 ta' Mejju, 1999, din il-Qorti diversament preseduta kienet irriteniet li :**
*"hadet in konsiderazzjoni l-principju fondamentali tal-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, mill-liema principju*

*johrog il-principju, daqstant fondamentali ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, li waqt il-process, specjalment meta l-prosekuzzjoni tkun ghadha ghaddejja bil-provi taghha, ma jista' jsir xejn li b'xi mod tista' tinfluwenza lill-gurati fil-konfront tal-akkuzat ghal dak li hu l-karattru tieghu jew xi antecedenti tieghu, b'mod li jista' b'hekk jigi negattivament influwenzat l-eventwali verdett taghhom".*

**Meta ghaddiet biex ixxolji l-guri dik il-Qorti kienet qalet ukoll :**
*"Hu f'dan is-sens ghalhekk li tali irregolarita' ma tistax tithalla ghaddejja minn din il-Qorti ghaliex altrimenti tkun qed tigi mminata r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja billi l-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat u d-drittijiet fondamentali ohra tieghu ma jkunx qed jigu salvagwardati kif trid il-ligi w dan matul kull stadju tal-process".*

**Ghal motivi premessi din il-Qorti qed tilqa' t-talba tad-difiza w tordna x-xoljiment tal-guri.**

**Tordna li l-akkuzat jerga' jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fiha qabel ma' beda l-guri l-bierah u tirrizerva li tappunta data ohra ghal guri quddiem gurija differenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------